**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TNEJN, IL-11 TA' MEJJU 2026 FIL-5:30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fil-boardoom

Preżenti

| | |
|---|---|
| Dominic Cassar | Sindku |
| Pauline Vella Critien | Viċi Sindku |
| Trevor Fenech | Kunsillier (Minority Leader) |
| Carmelo Pace Taliana | Kunsillier |
| Anthony Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Norbert Dalli | Kunsillier |
| Salvu Debono | Kunsillier |
| Noel Dimech | Kunsillier |
| Claire Calleja Zammit | Kunsillier |

Skużati

| | |
|---|---|
| Joan Farrugia | Kunsillier |
| Javier Caruana | Kunsillier |

Talba

Il-Laqgħa ġiet sospiża sabiex jiġu preżentati l-Audited Financial Statements għas-sena 2025. Fi kliem l-accountant tal-Kunsill Mario Gauci, il-kunsill baqa' f'pożizzjoni b'saħħitha, b'differenza li s-surplus żdied għal EUR164K, abbażi li l-flus tal-iskemi ma kinux ittieħdu f'kunsiderazzjoni qabel għar-raġuni li l-ammont kien għadu ma daħalx kollu fil-kontijiet bankarji. Magħhom ġiet spjegata l-Management Letter li fiha direzzjonijiet ta' accounting li l-kunsill għandu jimxi magħhom. Ħadd mill-membri tal-kunsill ma kellu xi jżid ma' dan u għalhekk qablu unanimament li l-kunsill għandu jiffirma u jippreżenta dawn id-dokumenti bħala finali.

## 1 Qari tal-ittri ta' Apoloġiji

Is-Sur Javier Caruana u s-Sa Joan Farrugia talbu jiġu skużati minn din il-laqgħa.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

2.1 Is-Sa Pauline Vella Critien, staqsiet għala l-kunsill m'applikax għall-iskemi li hemm ta' Project Green, is-SE qalet li hi ma waslulha l-ebda proposti sabiex tagħmel dan u huwa f'idejn il-membri tal-kunsill u s-Sindku sabiex jaraw xi skemi u x'proġetti għandhom jiġu kkunsidrati fil-lokalita'. Is-Sa Vella Critien, żiedet tgħid li l-ġonna f'San Ġwann jinsabu qishom maqjel bħal Ġnien taż-Żebbuġ. Is-Sur Trevor Fenech, qalilha li l-iskemi ilhom hemm u ilhom jiġu użati għaliex kieku mhemmx kaxxa tal-flus mimlija u wisq anqas saru proġetti fi żmienu, żied jgħid ukoll li mhuwiex minnu li s-siġar huma mejtin, li hemm bżonn iktar manutenzjoni kontinwu. Is-Sindku żied jgħid li mhuwiex minnu li hi qegħda tgħid li kullimkien maqjel, għaliex xogħol kontinwament qiegħed isir u informaha li li bħalma hi diġa' taf il-Ġnien taż-Żebbuġ qed isir ix-xogħol meħtieġ mill-perit sabiex ix-xogħol li hemm bżonn isir fih ta' tisbieħ ikun jista' jinbeda.

2.2 Ħadd iktar ma kellu xi jżid, ippropona Trevor Fenech u ssekonda Norbert Dalli. Qbil unanimu.

## 3 Komunikazzjoni mis-Sindku

### Festa Tfal

Il-kappillan qed jitlob lill-kunsill sabiex jikkolabora u jħallas l-ispejjeż tal-festa tat-tfal fit-28 ta' Lulju. Is-Sena l-oħra din in-nefqa ammontat għal 3-elef ewro għall-marċ u festin. Min jaqbel li din għandha terġa ssir b'kollaborazzjoni mal-kunsill b'nefqa sa massimu ta 3elef? Kien hemm qbil unanimu li l-kunsill għandu jikkolabora f'din l-attivita'

### Micamed – Enemalta Retrofitting Street Light

Il-Kunsill irċieva l-kont tal-ispiża tal-materjal li ma kienx inkluż f'dak li l-Enemalta għamlu tajjeb għalihom. Dan laħaq l-47K, u issa hemm garanzija ta' 5 snin, tal-ħsarat li hemm s'issa dawn qed jiġu rapportati mal-Enemalta.

### Talba għall-manutenzjoni ta' biċċa art

Is-Sur Roderick Fenech talab lill-kunsill sabiex hu jieħu ħsieb u jsebbaħ biċċa art fil-kantuniera fi Triq il-Kellien (fejn il-Wentworth) bi spejjeż kollha għalih u din l-art tibqa' propjeta' tal-kunsill. Is-Sur Fenech qal li l-ewwel

trid issir devoluzzjoni tagħha mill-kunsill imbagħad hu jkun jista' jsebbaħha. Salvu Debono qal li importanti li din l-art tibqa' tal-kunsill. Kien hemm qbil unanimu ma' dan.

**Talba għall-party tal-festa – f'Misraħ Lewża**

Is-Sur Emerson Farrugia talab lill-kunsill permess sabiex ikun jista' jagħmel party fi triq nhar il-Ġimgħa 31 ta' Lulju, bejn il-5pm u 9pm, bi 3 DJs, f'kollaborazzjoni mad-Dave's u forsi xi Gabbana. Is-Sindku infurma l-mejda li f'dan l-istadju l-kunsill mhuwiex f'pożizzjoni li jaċċetta din it-talba qabel ma dan ikollu permess tal-pulizija u no objection min-naħa tagħhom; wara li din tingħata jerġa jikkomunika mal-kunsill.

**Ittra legali indirizzata lill-kunsill u lis-Sur Dominic Cassar.**

Is-Sur Cassar informa lill-kunsill li rċieva ittra indirizzata lilu u lill-kunsill mibgħuta minn Paul Vella Critien. Il-Viċi Sindku Pauline Vella Critien f'dan il-mument (6pm) qamet u infurmat lill-mejda li hi ser toħroġ minn din id-diskussjoni minħabba kunflitt ta' interess għaliex dan jiġi r-raġel tagħha. Is-SE intalbet ukoll li twaqqaf l-istreaming minħabba li dan hu aċċessibbli xorta minn barra l-boardroom u li joħorġu mill-kamra r-residenti preżenti. Intalbet li xorta waħda tieħu l-minuti ta' dak li kien ser jiġi diskuss.

Minħabba li l-ittra kienet ta' natura legali u l-kunsilliera Claire Calleja Zammit hi avukata, intalbet sabiex tassisti sabiex din l-ittra tinftiehem aħjar. Is-Sindku għaddielha l-ittra. Id-Dttessa. Calleja Zammit saħqet li l-ittra minkejja li waslet f'envelop ta' Ganado Advocates mhix ittra legali, għaliex sabiex din tkun bonarja din tkun iffirmata mill-avukat sabiex umbagħad ir-reċipjent ikun jista' jwieġeb lura bl-avukat tiegħu. Mhix lanqas ittra uffiċjali għaliex ma waslitx bil-marixxal, din l-ittra hi iffirmata minn Paul Vella Critien.
F'din l-ittra il-kunsill għandu jara x'jgħid article 12.1 hekk kif imsemmi.

Waqt dan il-qari is-Sur Fenech qal li l-art hi tagħna u jekk il-monument hu tiegħu, jista' dan jieħu l-monument. Anthony Mifsud Bonnici żied jgħid li dan ilu hemm 26 sena u informazzjoni fuq il-monument m'għandux. Is-Sur Dalli qal li wisq probabli l-monument ħallas għalih il-kunsill u l-copyright hi tiegħu u mhux il-monument. Jekk il-każ hu li l-monument hu tiegħu mela jista' jċaqalqu. Is-Sindku żied jgħid li l-kunsill diġa jieħu ħsieb l-area ta' madwaru u m'għandhiex titneħħa l-Madonna minn hemm. Is-Sur Pace Taliana qal li hu kien oġġezzjoni għaliex ir-restawr m'għandux biss isir fuq dak il-monument iżda wara li tinġabar il-lista ta' monumenti u jiġu diskussi l-bżonnijiet ta' xogħlijiet fuq kull monument.

Is-SE staqsiet lil Dr Calleja Zammit, x'għandu jagħmel il-kunsill f'dan l-istadju. Weġbietha li l-kunsill għandu jibgħat acknowledgment tal-ittra umbagħad b'dak li jiġi deċiż fuq dak li hemm fl-ittra f'dan il-ħin tintbagħat ittra bl-avukat.
Is-Sur Dalli qal li la din mhix ittra bl-avukat il-kunsill m'għandux jibgħat ittra bl-avukat u jibgħat biss l-acknowledgement. Id-Dr Calleja reġgħet ikkonfermat li le din ma kinitx ittra legali u lanqas uffiċjali u dawk huma l-passi li jmiss.

Kien hemm qbil unanimu li f'dan l-istadju l-kunsill għandu jibgħat biss acknowledgment receipt of letter, jekk il-kunsill jirċievi ittra bl-avukat umbagħad jitkompla l-proċess minn hemm.

Is-Sa Vella Critien intalbet tidħol lura fis-18:20. Reġgħu daħlu ż-żewġ resident preżenti u nxtegħel l-istreaming.

**Talba għall-kollaborazzjoni tal-Festa mill-Għaqda Piroteknika 11 ta'Frar**

Talbu sabiex nerġgħu nikkolaboraw li t-totali jammontaw għal bejn €4800 u €5000. Fosthom talbu c-cherry picker għal 6ijiem li jammonta għal €540. Is-Sur Fenech qal li għal dan il-kunsill għandu jara jsibx xi ħadd li joffri prezz aħjar. Talbu wkoll €800 għall-piro-mużika fil-Wied kif ukoll kollaborazzjoni għall-insurance, fire engine u permessi tal-pulizija. Snin preċedenti l-kunsill kien iġib rifużjoni ta' dawn. Norbert Dalli qal li għandu jiġi verifikat mhux mar-reġjun, iżda mad-dipartiment. Is-Sindku talab lill-mejda sabiex tieħu deċiżjoni jekk il-kunsill għandux jikkollabora ma' din l-għaqda. Hu qal li din hi l-festa tat-titular ta' darba f'sena u għalhekk hu favur, Trevor Fenech issekonda dan u kien hemm qbil unanimu mill-mejda.

4 **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera.**

1. **Pauline Vella Critien:- Kemm kien l-isponsorship li ngħata l-kunsill? Dan l-ammont ser jitnaqqas mit-€12K? u min kienu l-award winners?**
Is-Sur Trevor Fenech qallha li le l-ammont tal-isponsorship ma jitnaqqasx mill-baġit, għaliex dak ġie vvutat u maqbul fuq il-mejda, l-isponsorship kien ta' 2,000 u dan jiżdied fil-kont tal-kunsill sabiex jiġi użat skont kif ikun il-bżonn f'attivitajiet futuri.
L-award winners huma publikati fuq il-paġna uffiċjali tal-kunsill għaliex l-affarijiet minkejja li ingħad mod ieħor saru b'mod trasparenti, meta inti partitarju ta' miegħek stess talbek l-lista uffiċjali tal-eżebituri u sal-lum għadek ma ġibthiex fuq il-mejda. Is-Sa Vella Critien qalet li l-eżebituri kollha għaddew mill-kunsill. Is-Sur Fenech qallha li irrelevanti għaliex la ġiet talba xahrejn wara għadek ma ġibthiex fuq il-mejda. Pero' xorta waħda żied jinfurmaha min kienu r-rebbieħa:- Pawlu Mifsud ġieħ u rikonoxximent tal-karriera meraviljuża fl-isnuker u l-billiard, Marcon Bezzina bħala leġġenda tal-Judo b'parteċipazzjoni fl-Olimpjadi, Rachel Cuschieri, l-ewwel tfajla Maltija li lagħbet il-futbol f'kamponjat internazzjonali, Charlie Mock, rikonoxximent tal-kontribut tiegħu fl-għawm, waterpolo li ġabar dan il-ġieħ ħuh minħabba li hu m'għadux magħna. Jacob Micallef, żagħżugħ li qed jipprometti barra minn Malta fil-F4.
Għalkemm kien hemm l-għidut li aħna 3 jiena, is-Sindku u Norbert Dalli konna involuti u l-proċess ma kienx trasparenti sa anke ġiet imsemmija s-

SE mingħajr ma kellha x'taqsam, il-proċess kien wieħed trasparenti u meritat. Favur l-isportivi.

2. **Pauline Vella Critien :- Aġġornament fuq il-binja tal-kunsill wara l-laqgħa mal-avukat. X'ser jiġri minħabba li l-kunsill għandu jopera biss mill-binja sa Lulju?**
Is-SE infurmathom li l-kunsill għandu żewġ għażliet jew japplika mill-ġdid li f'din l-applikazzjoni jridu jiġu kkalkulati stimi ġodda qabel tiġi sottomessa u b'hekk ma jkunx hemm bżonn ta' firem bejn il-periti jew azzjoni legali. Jew jistenna sakemm ikun hemm tweġiba mill-avukat li sa issa l-avukat ma kienx laqgħana minħabba żball fid-data u li hu indispost sas-17 ta' Mejju, pero' l-avukat tal-Kunsill kien ser jikteb lill-perit għaliex dan qed jisħaq li għandu jieħu xi flus mill-kunsill meta, statement of account ma daħal qatt u l-perit mhuwiex risponsiv. It-tariff K imsemmija m'għadhiex tiġi applikata u jekk il-kunsill ma jaqbilx ma dak li l-perit qed jitlob il-kamra tal-periti tirreferina xorta waħda li nieħdu parir legali.

Norbert Dalli staqsa kemm jiswa permess ġdid. Is-SE infurmatu li dan ikun irid jiġi maħsub u maħdum mill-perit, iżda skontu ma jiġix 20elf żgur. Is-Sa Vella Critien qalet li l-kunsill għandu jaqbad u jħallas, ħalli jinbeda x-xogħol, is-Sur Fenech qal li dan m'għandux isir u tpaxxih. Is-Sa Critien qalet li jekk issir applikazzjoni ġdida din tieħu xhur sħaħ. Is-Sur Debono u s-Sur Dimech qablu li għandu jiġi ċċekjat fuq kemm se tiswa applikazzjoni ġdida u kemm se ddum. Kien hemm qbil unanimu li s-SE titlob lill-perit li ħadem fuq il-BOQ sabiex jagħti stima ta' kemm tiswa applikazzjoni ġdida u kemm bejn wieħed u ieħor iddum biex tiġi proċessata.

**Pauline Vella Critien:- Way forward tas-CSS fund?**

Is-SE infurmata li dan huwa proġett sħiħ minħabba li ħadd fil-kunsill mhu espert fil-qasam huwa impossibli li l-items jiġu meqjusa separati. Is-Sur Fenech qabel li dan huwa proġett wieħed u għandu jiġi kkalkulat bħala ammont totali. Is-SE kompliet tgħid li minħabba li dawn il-fondi ġejjin mill-MCVS kollox irid jimxi skont dak mitlub minnhom. Sabiex nieħdu rr-rifużjonijiet Direct Orders jistgħu jsiru sa ma jintlaħaq l-2000, 3 kwotazzjonijiet għal kull ħaġa li tinxtara u l-irħas għandu jingħażel b'ġustifikazzjoni jekk dan ma jsirx. Apparti minn hekk il-kunsill huwa obbligat li jimxi mar-regolamenti tal-procurement tad-DGL. Biex jinżamm il-baġit għandu jinħareġ tender għaliex apparti kollox stimi separate jwasslu għall-prezzijiet mhux raġjonati, hekk il-kuntrattur responsabbli tax-xogħlijiet skont kif deskritt fil-BOQ jew l-ispecifications tal-perit irid jimxi mat-tender li jkun applika għalih u ġie awarded. Is-Sa Vella Critien qalet li dan ix-xogħol irid isir minn restawratur, is-SE qaltilha li dawn id-dettalji jindaħlu fil-BOQ. Is-Sur Fenech talab jara l-BOQ iżda kien infurmat li s'issa l-kunsill kellu biss ball-park figures. Żied jgħid li qabel dawn jiġu ffinalizzati huwa inutli li qed jiġi diskuss, għaliex biex tinħareġ tender irid ikun hemm il-figuri realistiċi. Is-Sa Vella Critien qalet li l-perit lest li jaħdem fuqu wara Lulju, is-SE infurmata li lilha għad m'għamilx kuntatt magħha u mhix infurmata b'dan.

**Lino Pace Taliana Kif ser jipproċedu l-affarijiet dwar l-iScout Parade.** Minħabba li droppjaw xi baned din il-parade mhux se ssir din is-sena iżda ser jibqa' jsir ix-xogħol fuqha sabiex din tittella' xorta waħda possibilment fl-2027.

**5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti Nru 25**

5.1 Anthony Mifsud Bonnici talab li jkun jaf il-pagi tal-ħaddiema individwalment, is-Sur Fenech qallu li dik l-informazzjoni hi marbuta mad-Data Protection u m'għandux għala jingħata dik l-informazzjoni. Tas-Sindku hi pubblika għaliex dik tinħareġ b'ċirkulari uffiċjali.

5.2 Is-Sur Pace Taliana qal li għal-pagament nru 15, tal-Heritage hu ġabar il-flus iddepożitahom il-kunsill. Is-Se infurmatu li dak huwa minnu u inħarġitlu irċevuta, pero' ladarba l-kunsill irċieva invoice f'isem il-kunsill kellha titħallas u titniżżel fl-iskeda.

5.3 Ħadd iktar ma kellu xi jżid. Salvu Debono ippropona li din l-iskeda tiġi approvata u ssekonda Norbert Dalli.

**6 Rapport tas-Sottokumitat**

Il-Kunsillier Lino Pace Taliana ikkonferma li bħalissa għaddejin ix-xogħlijiet fit-toroq u hemm xi ftit ta' inkonvenjent, żied ukoll jgħid li ser isir upgrade fil-ġnien, żdiedu t-tabelli tas-sigurta' u l-bins. Għadu għaddej ukoll ix-xgħol taż-żebgħa u ser jiġu installati c-CCTVs. Żied jgħid ukoll li l-bus shelter ma jistax isir minħabba li jimblokka l-bankina.

**7 Aġġornament: Tender Public Convenience**

7.1 Is-SE spjegat li sabiex is-sigħat jiżdiedu skont kif kien mitlub fil-laqgħa li għaddiet l-ammont issa jitla' għal €22,000. Is-Sur Fenech staqsa jekk id-detergents humiex spiża tal-kuntrattur allura inklużi f'dak l-ammont jew irid jixtrihom il-kunsill. Is-SE qaltlu li ser tirreferi mat-tekniku tat-tenders u twieġbu fuq dan f'laqgħa oħra. Pauline Vella Critien u Salvu Debono qablu li d-detergents għandhom ikunu inklużi fl-ispiża tal-kuntrattur u mhux jitħallsu separatament mill-kunsill.

**8 Proposta tal-Festa**

8.1 Issemmiet mal-komunikazzjoni mis-Sindku.

**9 Call for Quotes – Servizz tal-computer services lill-komunita'**

9.1 Is-SE Infurmathom li s-Sur Demicoli tan-Notebook Centre, irrifjuta l-proposta tal-kunsill b'mod amikabbli. Għalhekk fuq il-qbil tal-kunsill li jingħataw dawn is-servizzi, issa ser jinħarġu r-RFQ mis-sistema tal-EPPS minħabba li l-ammont hu ta' lfuq minn €5000.

**10 Scale 15 – Clerical Officer**

10.1 Is-SE infurmathom li għaddejja l=applikazzjoni għall-impjegat fi skala 15 hekk, sabiex tinżamm l-koerenza l-kontinwita u s-servizz tajjeb fil-front office. Dan ikun jista' wkoll jgħin skont il-ħtiġijiet amministrattivi tal-kunsill. Jekk il-kandidat jaċċetta l-offerta għandu jibda mid-19 ta' Mejju. La dan kien diġa fil-baġit u mhux spiża barra mill-baġit amministrattiv il-kunsill qabel unanimament.

10.2 Salvu Debono issuġerixxa l-uniformi, is-SE qaltlu li din ser tiġi diskussa u kkunsidrata mal-membri tal-istaff.

Il-laqgħa spiċċat fis-19:00 u l-laqgħa li jmiss se ssir fit-8 ta' Ġunju fil-17:30

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| **Gaynor Bajada** | **Dominic Cassar** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |